SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 14-20**

**25 ta' Mejju 2020**

Minħabba iċ-ċirkustanzi preżenti il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' b'mod virtwali fil-5.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI :**

Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Terrence Ellul - Kunsillier
Kylie D'Amato - Kunsilliera
Liam Sciberras - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadt

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa.

Fuq proposta tal-Viċi Sindku, il-Kunsill feraħ lill-Kunsillier Liam Sciberras fl-okkazzjoni tal-ġurament tal-ħatra bħala avukat.

**14.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 13-20**

**14.2.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat il-minuti tal-laqgħa numru 13-20 li kopja tagħhom kienet intbagħtet lill-membri tal-Kunsill permezz ta' *e-mail*. Il-minuti ġew approvati wara proposta tal-Kunsillier Terrence Ellul issekondata mill-Kunsillier Liam Sciberras.

**14.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**14.3.1** ***Approvazzjoni għall-ħlas***

Il-Kunsill approva talba għal ħlas li tammonta għas-somma ta' €1659.43 dovuta lill-Kuntrattur Karmig għal xogħol fuq *culvert* fi Triq Ġuljetta Lopez. Ix-xogħol imwettaq ġie ċertifikat mill-perit tal-Kunsill.

**14.3.2** ***Kwotazzjonijiet għal xiri ta' Goal Posts***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' żewġ *goalposts* għall-5-a-side Football Pitch. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €995.00+Vat.

**14.3.3** ***Kwotazzoni għal xiri ta' CCTV Camera***

Is-Sindku rreferit għall-kwotazzjoni għal xiri u nstallazzjoni ta' CCTV Camera f'Wied Garnaw. Hija qalet li l-problema ta' *illegal dumping* baqgħet tippersisti u hemm bżonn ta' moniteraġġ urġenti ta' din l-*area*. Il-Kunsill approva l-ispiża involuta li tammonta għas-somma ta' €1,405.00.

**14.3.4** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' submersible pump***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' *submersible pump* għal Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €531.00.

**14.3.5** ***Kwotazzjoni għal servizz ta' tisqija bil-bowser***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet għal servizz ta' tisqija bil-*bowser* matul ix-xhur tas-Sajf. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni li tammonta għal €100.00 + Vat.

**14.3.6** ***Kwotazzjoni għal manutenzjoni ta' ċint fi Triq Ġuljetta Lopez***

Il-Kunsill approva kwotazzjoni ta' Karmig Trading li tammonta għal €377.60 biex jiġi rranġat ċint fi Triq Ġuljetta Lopez.

**14.3.7** ***Kwotazzjoni għal xogħol fuq manutenzjoni fi Triq Petunja***

Il-Kunsill iddiskuta' stima ta' xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Petunja li tammonta għas-somma ta' €5,050.00. Ġie nnutat li parti minn din l-*area* hija propjeta privata. Is-Sindku ppreżentat *sketch* biex tfihem aħjar għal liema parti minn din it-triq qed tirreferi. Is-Sindku qalet li ser tkun qed titkellem mar-resident li għandu *encroachment* f'din it-triq.

**14.3.8** ***Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti***

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM14-20 għall-perjodu bejn is-7 ta' Mejju 2020 sa d-9 ta' Mejju 2020 u minn cheque numru BOV 8092 sa cheque numru BOV 8119.

**14.4** ***Rapport Finanzjarju għas-sena 2019***

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għas-sena 2019 li ħejjew l-awdituri għall-Kunsill ta' Santa Luċija. Ġie nnutat li kien hemm *audit adjustment* wieħed li jirrigwarda *provision for bad debts* għall-ammont ta' €5228.00 dovuti lill-Kunsill mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq *trenching works* li saru numru ta' snin ilu. Il-Kunsill innota wkoll li din is-sena finanzjarja għalqet b'*deficit for the year* ta' €21,990.00 kawża ta' *depreciation* għolja fuq assi tal-Kunsill li tammonta għas-somma ta' €84,353.00.

Dan ir-rapport finanzjarju għas-sena 2019 ġie approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar.

***LC Care***

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nġiebu kwotazzjonijiet għas-servizz ta' *neutering* u *chipping* tal-annimali. Il-Kunsill approva l-orħos kwotazzjoni għal dan is-servizz. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill qed jiġbor aktar kwotazzjonijiet għal xiri ta' materjal ieħor skond il-lista li ġiet sottomessa ma' l-applikazzjoni għall-fondi. Il-Kunsilliera responsabbli minn din l-iskema għandhom jikkordinaw mal-*cat feeders* irreġistrati mal-Kunsill.

**14.5 Kommunikazzjonijiet**

**14.5.1 *Rapport ta' Ħidma tal-Kunsillieri***

Is-Sindku irreferit għar-rapport ta' ħidma li kellu jitħejja mill-membri tal-Kunsill. Hija qalet li sa issa lestew dan ir-rapport il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Kylie D'Amato. Hija ħeġġet lill-membri l-oħra tal-Kunsill li għandu jkopri l-ħidma tagħhom fl-ewwel sena fil-kariġa ta' din il-leġislatura.

**14.5.2 *Uprooting ta' siġar fi Triq Maria De Domenicis***

Is-Sindku nfurmat il-Kunsill li l-Infrastructure Malta ser tagħmel tajjeb għal-ispiża nvoluta biex jitneħħew tlett siġriet minn Triq Maria De Domenicis. L-ispiża nvoluta tammonta għas-somma ta' €1100.00 + Vat.

**14.5.3 *Extension of Jogging Track***

Is-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill proposta u pjanti relatati magħha li tirrigwarda l-estenzjoni tal-Jogging Track area li għandha twassal sa Vjal Oleandri fejn il-Klabb tal-Boċċi. Din il-pjanta tħejjiet minn Infrastructure l-Kunsill għandu jibgħat il-kummenti tiegħu fil-ġranet li ġejjin.

**14.5.4 *Santa Luċija Local Council Performance Report***

Is-Sindku rreferit għar-rapport hawn fuq imsemmi li kopja tiegħu intbagħtet lil membri tal-Kunsill permezz ta' e-mail. Hija qalet li minn dan ir-rapport jirriżulta li l-Kunsill għandu performance indicators tajbin minbarra fejn jidħol dumping. Hija qalet li issa bl-introduzzjoni ta' sistemi

ta’ cctv għandha tittaffa din il-problema. Is-Sindku qalet ukoll li ħejjiet graph tal-performance indicators li ttellet fuq il-facebook page tal-Kunsill.

**14.5.5** ***Santa Luċija Underpass***

Is-Sindku rreferit għall-proġett tal-Mini fi Triq tal-Barrani u għal problema biex ir-residenti ta’ Santa Luċija jaqsmu għal Ħal Tarxien u Raħal Ġdid. Qamet diskussjoni f’dan ir-rigward u l-Kunsill qabel mal-proposta li għandhom isiru traffic lights quddiem il-pompa tal-petrol biex ir-residenti jkunu jistgħu jaqsmu lejn Ħal Tarxien u lura mingħajr periklu.

**14.5.6** ***Ftuħ tal-Uffiċċju tal-Kunsill nhar ta’ Sibt***

Is-Sindku qalet li wara li tkellmet mas-Segretarju Eżekuttiv qed tipproponi li mill-1 ta’ Ġunju 2020 l-uffiċju tal-Kunsill jerġa jibda jiftaħ kull nhar ta’ Sibt u jerġa jibda jagħti s-serivizz kollha li kienu jingħataw qabel il-pandemija tal-Covid 19. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

**14.5.7** ***Latrina Pubblika f’Dawret it-Torri***

Is-Sindku qalet li hemm bżonn li l-bibien ta’ ġewwa kif ukoll ta’ barra tal-latrina pubblika f’Dawret it-Torri jinbidlu u jsiru tal-aluminum. Hija qalet li ser ikunu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet fuq BOQ li qed iħejji l-perit tal-Kunsill.

**14.5.8** ***Jum Santa Luċija***

Il-Kunsill iddiskuta dwar attivita’ li tista’ tittella fl-okkazjoni ta’ Jum Santa Luċija peress li mhux possibli li jsir il-kunċert mużikali ta’ kull sena minħabba l-Covid 19. Saru diversi proposti fosthom li jinġieb grupp mużikali idoqq f’xi pjazza jew post ċentrali. Il-Kunsillier Terrence Ellul ġie inkarigat minn din l-inizjattiva.

**14.5.9** ***Website Portal Ġdid – Kunsill Santa Luċija***

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li hi flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma’ rappreżentant tal-kumpanija ISB li tieħu ħsieb il-Website tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill huwa nfurmat li l-platform li fuqha kien hemm il-Website tal-Kunsill mhux ħa tibqa tiġi supported u riżultat ta’ hekk ikun hemm riskju ta’ nuqqas ta’ siġurta u nuqqas ta’ *updates*. Hija spjegat li l-Kunsill ingħata proposti biex isir upgrade u

tingħata facelift lill-website page peress li din issa ilha ħames snin. Din il-proposta tinkludi wkoll maintenance agreement, migration service għal platform ġdida u moderna li tkun ukoll mobile responsive. L-ispiza nvoluta tammonta għal ħlas ta' darba ta' €1640.00 u maintenance agreement bir-rata ta' €99.00 fix-xahar. Il-Web Hosting huwa ta' €195.00 fis-sena.

**14.5.10** ***Talba tal-Assistent Prinċipal***

Il-Kunsill laqgħa talba tal-Assistent Principal biex tħalli għaxar t'ijiem leave mis-sena 2020 peress li din ser tkun qed tirtira fis-sena 2021 u għaldaqstant tkun tista tieqaf ftit qabel id-data tal-irtirar.

**14.6 SLLC PKG(57-20-03) Tindif u Żamma ta' Parks, Ġonna, u Soft Areas fil-Lokalita' ta' Santa Luċija – rapport ta' Evalwazzjoni**

Is-Sindku irreferit għas-sejħa hawn fuq imsemmija u l-importanza li issir l-evalwazzjoni online ħalli l-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-proċess biex tiġi awarded din is-sejħa. Is-Sindku bħala Chairperson fuq dan il-Kumitat qalet lir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jitressaq fil-laqgħa li jmiss.

**14.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**14.7.1 Mistoqsija tal-Kunsillier Terrence Ellul**

Il-Kunsillier Ellul staqsa jekk jistgħux isiru żewġ parking bays tal-muturi meta jkunu qed isiru s-sinjali ta' Triq Żnuber. Is-Sindku qalet li ser jinfurmaw lill-kuntrattur ta' Infrastructure Malta b'din il-proposta.

**14.8** ***Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss***

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30p.m. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Ġunju fil-5.00p.m.

**Konfermati, illum il-__________, __ ta' ____________ 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Charmaine St John** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |